# Kunsill Lokali Gharb

## Il-Pjan tal-Hidma

## 2011 - 2013

## Il-Werrej

Introduzzjoni u Analizi tas-Sitwazzjoni 1-2

L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri 3

L-Ghanijiet, ir-Rizultati Mistennija u l-Istrategiji 4-12

Analizi tal-Hidma tal-Kunsill 13-14

Tbassir dwar il-Finanzi u u r-Rendiment 15-17

1.0 Introduzzjoni u analizi tas-siwtazzjoni

Huwa xieraq li wara sena ta’ hidma nagħtu ħarsa lejn dak li wettaqna, lejn il-mod kif ħdimna, lejn dak li ksibna u dak li fadlilna naħdmu iżjed biex niksbuh. Fuq kollox, huwa xieraq, li nħarsu ’l quddiem u nfasslu pjani ġodda li rridu nagħmlu l-almu kollu tagħna biex nilħqu mal-progress li qed jiccirkondana.

Matul it-tieni sena ta’ ħidma l-mira ewlenija tal-Gvern kienet il-ħolqien tax-xogħol. Fi żmien ta’ kriżi ekonomika globali, ridna naraw li mhux biss insalvaw kemm nistgħu postijiet tax-xogħol iżda anke noħolqu oħrajn ġodda.

Ħdimna bla heda biex nibqghu l-ewwel u qabel kollox niffunzjonaw u naqdu ir-rwol taghna bhala Kunsilli Lokali sabiex insahhu u nipperfezzjonaw l-operat tas-servizzi offruti. Ma dan kollu dhalna ghal responsabbiltajiet ġodda.

Komplejna noholqu ambjent li jinkoraġixxi stil ta' hajja  ambjentalment u fizikament ahjar li jixraq lir-residenti u jattira vizitaturi u barranin li jaghzlu li jigu jabitaw fil-lokalita’ taghna. Hdimna sabiex inkunu pro-attivi u naħtfu kull opportunita’ għall-ġid tar-residenti . Grazzi ghal-ghajnuna tas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said li l-hidma tieghu iggghelna nahdmu izjed u l-ezempju tieghu ikaxkarna sabiex ma nhallu l-ebda oppurtunita’ tghadi bla ma nehduha in konsiderazzjoni. Il-fatt li l-Onor.Dr Said jinsab vicin taghna dan jimlina b'kuragg u b'inizjattiva.

Inħarsu lura u naraw li kellna sena ta' suċċess għall-Kunsill tagħna. Dawn is-successi huma mertu tal-Kunsill kollu b'mod specjali ghas-Segretarju Ezekuttiv  u l-haddiema klerikali tas-support taghhom.

Lestejna il-progett ta' Wied il-Mielah u bdejna ohrajn fosthom il-progetti taht il-mizura 323 u progett taht il-Mizura Malta Italia. Ma dawn il-progetti il-Kunsill jinsab ghaddej bil-programm ta' toroq, b'kollox 8 li huma Triq il-Knisja, Triq Trux, Triq Tumas Cassar, Triq Dun Alwig Mizzi, Triq San Pietru, Triq Birbuba, Triq San Dimitri u Sqaq Frenc tal-Gharb. Ma dawn ix-xogholijiet ghaddeja hidma sabiex ikunu restawrati il-pjazez l-ewwel u qabel kollox il-pjazza Principali Pjazza Zjara tal-Madonna, Pjazzeta Zjara Tal-Madonna u Pjazza Gerano.

Ma dawn ix-xogholijiet  il-Kunsill jinsab determinat li jiftah centru ta' matul il-gurnata ghat-tfal u ser ninvestu fi trasport pubbliku jiffunzjona bl-elettriku. Dawn il-progetti  ser jghnu fil-program tal-gvern sabiex Ghawdex tabilhaq issir gzira ekologika.

Il-Kunsill jahdem id f’id mas-setturi kollha fil-lokalita’ fosthom mal-intarprizi u jzomm kuntatt mill-qrib mal-NGOs u flimkien infittxu li nikkollaboraw fuq inizjattivi sabiex tkun miljorata u facilitata’  il-hdima komunitarja’.

## 1.0 Introduzzjoni u analizi tas-siwtazzjoni (tkompli)

B'dan il-mod inzommu kuntatt u nibqghu qrib il-poplu li l-hidma taghna hija immirata sabiex timmiljora il-hajja u l-ambjent li jghixu fih.

Permezz tal-publikazzjonijiet li nohorgu minn  zmien ghal zmien ninfurmaw lir-residenti bil-hidma taghna u ninkoragguhom sabiex jaghmlu l-proposti taghhom sabiex ikunu kunsidrati fil-hidma taghna.

Meta wieħed iqis x’irnexxielna nwettqu minkejja d-diffikultajiet  kbar, ma nistgħux ma nħarsux ’il quddiem b’ottimiżmu u b’kuraġġ. Dan kollu jibnina fil-karattru u b'esperjenza filwaqt li johloq rieda sabiex nikbru u nkabbru s-suċċessi.

Il-Kunsill tieghi huwa responsabbli u  jħares ’l quddiem lejn ħidma akbar u lejn l-isfidi bhala oppurtunita’ sabiex inzommu ruhna alert ghal kull eventwalita’ u oppurtunitajiet ġodda. Inharsu il-quddiem sabiex inkunu aktar effettivi fil-hidma taghna sabiex ir-residenti jkunu moqdija aħar u jingħataw l-aqwa servizz

Mhux ser tkun missjoni facli izda determinati li nikkonkludu il-progetti kollha imfassla.



David Apap
Sindku

## 2.0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri

### 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Biex jittejjeb il-livell ta' ghixien tar-residenti tal-lokalita' fl-ambjent li fih jghixu.

### 2.2 Valuri

Il-Valuri li il-Kunsill Lokali Gharb ihaddan huma:-

- Li jipprovdi servizzi efficjenti u ta' kwalita' tajba.
- Jottjeni il-massimu tal-beneficcji ghall-komunita' in generali, filwaqt li jirrispetta il-htigijiet ta' kull individwu jew settur.
- Transparenza fix-xoghol kollu tal-Kunsill.
- Jipprotegi il-wirt kulturali u tradizzjonali tal-lokalita'.
- Rispett lejn kull twemmin tal-membri tal-Komunita'.

## 3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji

### 3.1 Oggettivi ghal qasir zmien u rizultati mistennija (2011):-

| **Oggettivi** | **Rizultati Mistennija** |
|---|---|
| Centru Civiku ghal lokalita' | Tkompli l-hidma amministrattiva u preparatorja fuq dan il-progett u possibilment tinbeda l-ewwel fazi tax-xoghol fiziku. Il-progett huwa mahsub sabiex ikun accessibbli ghal kulhadd u ghalhekk li permezz tal-iskema tal-accessibilita' mnedija mid-DLG ser ikunu qed isiru lift u titjib fl-accessibilita' permezz ta' kostruzzjoni ta' rampa u titjib fil-parapett. |
| Tharis u promozzjoni tal-patrimonju kulturali u storiku tal-lokalita' | Jigu organizzati attivitajiet kulturali li jharsu u jippromwovu il-wirt storiku u kulturali tal-lokalita' fosthom il-Festival ta' Arti, Kultura, Muzika u Patrimonju Seher il-Punent, Karnival, Jum il-Lokalita' u l-Infiorata.<br><br>Titwettaq l-ewwel fazi tal-progett Gharb's Cultural and Touristic |

**3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji (ikompli)**

| | |
|---|---|
| | Conservation Project li jinkludi fih hames investimenti: Restawr tal-Kappelli ta' San Dimitri u Taz-Zejt, Restawr tas-salib tal-pjazza , Restawr tal-pont fi Triq Sdieri u restawr ta' hitan tas-sejjieh.<br><br>Permezz tal-iskema restawr ta' postijiet storici zghar ser ikun qed isir ir-restawr ta' diversi nicec storici madwar il-lokalita'. |
| Titjib tat-toroq | Tkompli l-pressjoni tal-Kunsill fuq il-Water Services Corporation li qed jaghmlu progett tar-rising main tad-dranagg matul it-toroq Wied il-Mielah – Triq il-Blata, Pjazza Gerano, Triq Frenc ta' l-Gharb u Triq il-Knisja biex dan ix-xoghol ikun finalizzat u l-imsemmija toroq ikunu jistghu jinghataw l-istat originali taghhom.<br><br>Tinbeda l-implimentazzjoni tal-ewwel fazi tal-progett PPP dwar resurfacing ta' toroq li ser jinkorpora fih 8 toroq: Triq il-Knisja, Triq Trux, Triq Triq Tumas Cassar, Triq San |

**3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji (ikompli)**

| | |
|---|---|
| | Dimitri. Triq Birbuba, Triq Dun Alwig Mizzi, Triq San Pietru, Triq il-Knisja u Sqaq il-Fgura. L-ewwel fazi tikkonsisti fi Triq il-Knisja u Triq Trux. |
| Embellishment tac-Centru Storiku | Tisbih tal-Pjazza Zjara tal-Madonna permezz ta' wicc gdid bil-paving, bankini godda u ghamara gdida. Dan il-progett huwa marbut mal-iffinalizzar tax-xogholijiet fuq ir-rising main min naha tal-WSC ghalhekk il-Kunsill ser ikompli bil-pressjoni tieghu fuq il-WSC sabiex ix-xogholijiet jitlestew fl-iqsar zmien possibbli. |
| Uzu frott tas-shubija fl-Unjoni Ewropea | Il-Kunsill huwa kommess li jiehu l-opportunitajiet li jkun hemm minn zmien ghal zmien f'partecipazzjoni u applikazzjonijiet ghal progetti permezz ta' fondi ewropej kif ukoll fi skemi imnedija ghall-Kunsill Lokali sabiex jibbenefika minn fondi ghal progetti specifici. |
| Promozzjoni tal-edukazzjoni u s-sahha fizika | Jigu organizzati diversi korsijiet edukattivi kif ukoll |

**3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji (ikompli)**

| | |
|---|---|
| | ikomplu korsijiet ta' *fitness* ghar-residenti. |
| Playing field fi Triq Tumas Cassar | Ikun finalizzat il-progett ta' kostruzzjoni ta' playing field fi Triq Tumas Cassar u titjib tal-belveder Dun Salv Camilleri |
| Vizjoni Eko-Ghawdex | Kostruzzjoni tac-Centru ghal matul il-jum ghat-tfal, u introduzzjoni ta' eco-cab u eco-truck kemm il darba tkun approvata l-applikazzjoni ghall-finanzjament sottomessa taht l-iskema Eco-Ghawdex |
| Follow up tal-progett ta' Wied il-Mielah ERDF022 | Tkompli l-hidma tal-Kunsill sabiex dan is-sit jinzamm fi stat tajjeb u jibda jintuza bhala diving site wara li d-dranagg ma jibqax hiereg fil-bahar ta' Wied il-Mielah. Il-Kunsill ikompli jippromwovi Wied il-Mielah bhala destinazzjoni turistika. |
| Lejn lokalita' sostenibbli | Permezz ta' fondi mill-iskema lokalitajiet sostenibbli ser isir studju sabiex jitfassal pjan ta' |

**3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji (ikompli)**

sostenibilita’ ghal-lokalita’.

Permezz ta’ fondi mill-iskema ta’

energija ser ikun qed isir il-progett ‘Energy for the Council, education for the children’ li permezz tieghu ser jehlu pannelli solari fuq il-Kunsill Lokali, fejn l-istess progett ser jippromwovi l-uzu ta’ energjia alternattiva fost l-istudenti.

**3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji (ikompli)**

## 3.2 Oggettivi ghal-zmien fit-tul u rizultati mistennija (2012-2013)

| Oggettivi | Rizultati Mistennija |
|---|---|
| Follow up tal-progett ta' Wied il-Mielah ERDF022 | Tkompli l-hidma tal-Kunsill sabiex dan is-sit jinzamm fi stat tajjeb u jibda jintuza bhala diving site wara li d-dranagg ma jibqax hiereg fil-bahar ta' Wied il-Mielah. Il-Kunsill ikompli jippromwovi Wied il-Mielah bhala destinazzjoni turistika. |
| Centru Civiku ghal lokalita' | Jitkompla x-xoghol amministrattiv u fiziku fuq il-progett ta' kostruzzjoni tac-Centru Civiku – progett li ser jitwettaq f'diversi fazijiet. |
| Tharis u promozzjoni tal-patrimonju kulturali u storiku tal-lokalita' | Jigu organizzati attivitajiet kulturali li jharsu u jippromwovu il-wirt storiku u kulturali tal-lokalita' fosthom il-Festival ta' Arti, Kultura, Muzika u Patrimonju Seher il-Punent, Karnival, Jum il-Lokalita' u l-Infiorata.<br><br>Jitkompla u jkun finalizzat il-progett Gharb's Cultural and Touristic |

**3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji (ikompli)**

| | |
|---|---|
| | Conservation Project li jinkludi fih hames investimenti: Restawr tal-Kappelli ta' San Dimitri u Taz-Zejt, Restawr tas-salib tal-pjazza , Restawr tal-pont fi Triq Sdieri u restawr ta' hitan tas-sejjieh.<br><br>Kemm 'il darba jkun hemm il-possibilita' ssir applikazzjoni ghar-restawr tal-Knisja Parrokkjali. |
| Titjib tat-toroq. | Titkompla u tkun finalizzata l-implimentazzjoni tal-progett PPP dwar resurfacing ta' toroq li ser jinkorpora fih 8 toroq: Triq il-Knisja, Triq Trux, Triq Triq Tumas Cassar, Triq San Dimitri. Triq Birbuba, Triq Dun Alwig Mizzi, Triq San Pietru, Triq il-Knisja u Sqaq il-Fgura. |
| Embellishment tac-Centru Storiku | Ikun finalizzat il-progett ta' tisbih tal-Pjazza Zjara tal-Madonna permezz ta' wicc gdid bil-paving, bankini godda u ghamara gdida. |
| Uzu frott tas-shubija fl-Unjoni Ewropea | Il-Kunsill jibqa' kommess li jiehu l-opportunitajiet li jkun hemm minn zmien ghal zmien f'partecipazzjoni u |

**3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji (ikompli)**

| | |
|---|---|
| | applikazzjonijiet ghal progetti permezz ta’ fondi ewropej. |
| Promozzjoni tal-edukazzjoni u s-sahha fizika | Ikomplu jigu organizzati diversi korsijiet edukattivi u ta’ *fitness* kif ukoll introduzzjoni ta’ korsijiet godda skond id-domanda tar-residenti. |
| Vizjoni Eko-Ghawdex | Jibdew jiffunzjonaw ic-Centru ghal matul il-jum ghat-tfal, u l-eco-cab u eco-truck kemm il darba tkun approvata l-applikazzjoni ghall-finanzjament sottomessa taht l-iskema Eco-Ghawdex |

**3.0 Oggettivi, rizultati mistennija u strategiji (ikompli)**

**3.3 Strategiji**

L-istrategiji ghas-snin 2011-2013 huma:-

- Jinzamm kuntatt mar-residenti u jkunu inkoragguti jippartecipaw fit-tmexxija tal-lokalita'.
- Jizgura li l-fondi allokati lill-Kunsill jintuzaw fl-ikbar efficjenza u effettivita', u jizgura li dejjem jottjeni pariri teknici qabel ma jinbdew xi xogholijiet sabiex jivverifika li jkun kapaci jlahhaq mal-ispejjes tal-progett ikkoncernat f'dik is-sena partikolari.
- Jinkoraggixxi djalogu, rispett u 'teamwork'.
- Jinkoraggixxi organizzazzjonijiet u s-settur kummercjali lokali sabiex jinvolvu ruhhom u jghinu finanzjarjament jew permezz tal-koperazzjoni taghhom fix-xoghol tal-Kunsill.

Analizi tal-Hidma tal-Kunsill

**Attivitajiet Generali**

Il-Kunsill irreveda il-pjan ta’ hidma sabiex ikopri l-inizjattivi u l-progetti mahsuba ghall-perjodu 2011 – 2013. Il-Kunsill ser ikun impenjat illi dan il-pjan jigi implimentat bl-ahjar mod sabiex l-oggettivi jintlahqu fiz-zmien prevvist.

Il-programm tat-titjib tat-toroq jibqa fuq quddiem fuq l-agenda tal-Kunsill sakemm it-toroq kollha tal-lokalita’ ikunu fi stat tajjeb. Il-priorita’ matul dan il-perjodu tmur fuq ir-resurfacing ta’ Triq il-Knisja u l-Pjazza Zjara tal-Madonna li minnhom il-WSC ser jghaddu t-trinek in konnessjoni mal-master plan tad-dranagg ta’ Wied il-Mielah u bdil tal-mejnijiet tal-ilma. Ma dawn hemm ukoll Triq Frenc ta’ l-Gharb, Pjazza Gerano u parti mit-triq ta’ Wied il-Mielah li r-resurfacing taghhom ser isir min naha tal-WSC. Il-Kunsill ser ikun impenjat fi pressjoni kontinwa mal-WSC sabiex ix-xogholijiet isiru skond il-programm prevvist u minghajr dewmien zejjed. Il-Kunsill ser ikun qed jimbarka fuq il-progett PPP dwar resurfacing ta’ toroq li ser ikopri xogholijiet fuq 8 toroq bl-ewwel fazi tkun Triq il-Knisja u Triq Trux.

Wara li l-progett ko-finanzjat mill-UE, u mill-fond ta’ ko-finanzjament tal-Kunsilli Lokali f’Wied il-Mielah gie finalizzat il-Kunsill ser ikun impenjat li jkompli jippromwovi dan is-sit bhala destinazzjoni turistika ekologika.

Progett ambizzjuz li ilu jahdem fuqu l-Kunsill u li ghandu jkun implimentat f’fazijiet matul dan il-perjodu huwa dak ta’ Centru Civiku bil-hsieb li dan ikun jigbor fih l-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill flimkien ma diversi servizzi ohra ghall-komunita’ fosthom l-ghassa tal-pulizija, centru ta’ matul il-jum ghat-tfal, librerija u computer lab atrezzati u servizzi ohra godda ghall-komunita’. Dan il-progett huwa immirat sabiex il-Kunsill ikun jista’ joffri l-aqwa servizz lir-residenti.

Progett iehor ambizzjuz illi ilu jigi diskuss fil-Kunsill huwa dak ta’ kampus sportiv fi Triq Tumas Cassar. Wara li l-Kunsill ha din il-propjeta’ b’devoluzzjoni, fiz-zmien li gej il-Kunsill ser ikun impjenat li jiehu dawk l-opportunitajiet li jista’ jkun hemm minn zmien ghal zmien f’dak li jirrigwarda applikazzjonijiet ghal finanzjament ewropew, peress li l-progett ma jistax isir minghajr dan it-tip ta’ finanzjament. Matul dan il-perjodu il-Kunsill ser ikun jiffinalizza il-kostruzzjoni ta’ gnien fi Triq Tumas Cassar bhala post ta’ rikreazzjoni fil-lokalita’.

Il-hidma tal-Kunsill fil-qasam kulturali u socjali illum hija wahda stabbilita u nfirxet ‘il barra mill-konfini tal-lokalita’ b’attivitajiet ferm popolari li jattiraw turizmu intern u anke estern lejn il-lokalita’ taghna. Attivitajiet bhall-Infjorata u Seher il-Punent. Il-Kunsill ser jissokta bil-hidma tieghu f’dan il-qasam u jzid servizzi godda skond il-htigijiet u d-domanda tar-residenti.

Fir-rigward ta’ kuntatti esteri il-Kunsill ser jissokta bil-hidma tieghu biex ikompli jistabillixxi r-relazzjonijiet ezistenti kif ukoll jidhol ghal opportunitajiet godda ghaliex jemmen li permezz tal-gemellaggi u ftehim ta’ koperazzjoni ma lokalitajiet barranin il-

Analizi tal-Hidma tal-Kunsill (tkompli)

lokalita’ u r-residenti taghna ghandhom hafna x’jibbenefikaw kemm mil-lat socjo-kulturali kif ukoll minn fondi u progetti ewropej.

Fl-ahhar mill-ahhar il-Kunsill ser jibqa’ impenjat illi jisfrutta il-beneficcji tad-dhul ta’ Malta fl-UE sabiex jikseb fondi li jistghu jissarrfu f’gid u zvilupp ghal-lokalita’. Ma dawn l-opportunitajiet il-Kunsill ser ikun impenjat illi japplika ghal diversi skemi li jkunu mnedija minn zmien ghal zmien mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Nawgura tajjeb illi l-Kunsill energetiku u attiv, jissokta b’hidma solida u konkreta sabiex il-pjan ta’ hidma jitwettaq kif prevvist ghall-beneficcju tal-lokalita’ u r-residenti taghha. Ma neskludux id-diversi diffikultajiet li jhabbat wiccu maghhom il-Kunsill biex jintlahqu id-diversi miri fosthom proceduri burokratici u nuqqas ta’ rizorsi umani u finanzjarji izda b’rieda tajba minn kulhadd ta’ kulhadd jirnexxielna nimxu ‘l quddiem ghal gid tal-lokalita’ u r-residenti kollha.



Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv

## 5.1 Previzjoni finanzjarja ta' 3 snin

| | | a | b | c | c-b |
|---|---|---|---|---|---|
| **ACCT NO.** | **DESCRIPTION** | **BUDGET 2011** (€) | **BUDGET 2012** (€) | **BUDGET 2013** (€) | **BUDGET 2010-2012 (€)** |
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | 783,066.20 | 1,020,457.00 | 260,124.00 | **2,063,647.20** |
| 0020 | Bye-Laws | 500.00 | 500.00 | 500.00 | **1,500.00** |
| 0090 | Investment | 250.00 | 250.00 | 250.00 | **750.00** |
| | TOTAL | **783,816.20** | **1,021,207.00** | **260,874.00** | **2,065,897.20** |
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | 57,745.30 | 58,334.64 | 58,919.53 | 174,999.47 |
| 2000 | Operations and maintenance | 170,273.00 | 254,691.00 | 155,924.00 | 580,888.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 453,436.00 | 769,305.00 | 96,087.52 | 1,318,828.52 |
| | TOTAL | **681,454.30** | **1,082,330.64** | **310,931.05** | **2,074,715.99** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **102,361.90** | **(61,123.64)** | **(50,057.05)** | **(8,818.79)** |
| | **BROUGHT FORWARD** | 22747.00 | 125,108.90 | 63,985.26 | 22,747.00 |
| | **CARRY FORWARD** | 125,108.90 | 63,985.26 | 13,928.21 | 13,928.21 |

## 5.3 Previzjoni ta' dhul ta' 3 snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2011 (€) | BUDGET 2012 (€) | BUDGET 2013 (€) | BUDGET 2010-2012 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | | | | |
| 0001 | Annual | 200,768.00 | 200,768.00 | 200,768.00 | 602,304.00 |
| 0002 | Supplementary | | | | |
| 0003 | Special needs | | | | |
| 0004 | Public/government entities | 202,959.70 | | | 202,959.70 |
| 0015 | Other | 379,338.50 | 819,689.00 | 59,356.00 | 1,258,383.50 |
| | | **783,066.20** | **1,020,457.00** | **260,124.00** | **2,063,647.20** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Community services | | | | |
| 0036 | Contravention of bye-laws | | | | |
| 0056 | Contributions and donations | | | | |
| 0066 | General services | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| | | **500.00** | **500.00** | **500.00** | **1,500.00** |
| 0090 | Investment | | | | |
| 0091 | Bank interest | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 750.00 |
| 0096 | Government securities | | | | |
| | | **250.00** | **250.00** | **250.00** | **750.00** |
| | **TOTAL** | **783,816.20** | **1,021,207.00** | **260,874.00** | **2,065,897.20** |

## 5.4 Previzjoni ta' infiq ta' 3 snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2011 (€) | BUDGET 2012 (€) | BUDGET 2013 (€) | BUDGET 2010-2012 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 6,364.00 | 6,364.00 | 6,364.00 | 19,092.00 |
| | Councillors allowance | 6,600.00 | 6,600.00 | 6,600.00 | 19,800.00 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 37,295.00 | 37,779.64 | 38,264.28 | 113,338.92 |
| 1300 | Bonuses | 3,659.22 | 3,707.76 | 3,746.53 | 11,113.51 |
| 1400 | Income supplements | 484.52 | 484.52 | 484.52 | 1,453.56 |
| 1500 | Social Security contributions | 3,342.56 | 3,398.72 | 3,460.20 | 10,201.48 |
| 1600 | Allowances | | | | |
| 1700 | Overtime | | | | |
| | | **57,745.30** | **58,334.64** | **58,919.53** | **174,999.47** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | |
| 2100 | Utilities | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 30,000.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 21,000.00 | 13,000.00 | 13,000.00 | 47,000.00 |
| 2400 | Rent | 6,700.00 | 7,096.00 | 7,492.00 | 21,288.00 |
| 2500 | International memberships | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 2600 | Office services | 9,000.00 | 9,000.00 | 9,000.00 | 27,000.00 |
| 2700 | Transport | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| 2800 | Travel | | | | |
| 2900 | Information services | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 30,000.00 |
| 3000 | Contractual services | 71,973.00 | 163,995.00 | 64,832.00 | 300,800.00 |
| 3100 | Professional services | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| 3200 | Training | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 30,100.00 | 30,100.00 | 30,100.00 | 90,300.00 |
| 3400 | Incidental expenses | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| | | **170,273.00** | **254,691.00** | **155,924.00** | **580,888.00** |
| 7000 | Capital expenditure | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | |
| 7100 | Construction | | | | |
| 7200 | Improvements | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 7300 | Equipment | 800.00 | 800.00 | 800.00 | 2,400.00 |
| 7500 | Special programmes | 452,136.00 | 768,005.00 | 94,787.52 | 1,314,928.52 |
| | | **453,436.00** | **769,305.00** | **96,087.52** | **1,318,828.52** |
| | **TOTAL** | **681,454.30** | **1,082,330.64** | **310,931.05** | **2,074,715.99** |